**Reġjun Għawdex**

Laqgħa Nru. RGĦ 35/13

**Minuti tal-35 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 24 t'Ottubru 2013.**

Il-Kumitat Reġjonali ltaqa fis-5:00 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Preżenti; Dr Samuel Azzopardi (President), il-membri, Joseph Sultana, Paul Azzopardi, Joe Cordina, Salvu Borg, Francis Cauchi, Nicky Saliba, Anthony Formosa u Ian Paul Bajada (Segretarju Eżekuttiv).

1. **Qari, konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa preċedenti**

Intqalet t-talba u peress illi l-minuti tat- 34 laqgħa kienu ntbgħatu minn qabel, ma nqrawx u ġew approvati unanimament.

Il-President Dr Samuel Azzopardi irringrazzja lill-membri kollha tal-Kumitat Reġjonali kif ukoll lill-kunsilliera kollha Għawdxin talli reġgħu tawh il-fiduċja bħala President tar-Reġjun. Huwa stqarr illi ser jaħdem sabiex din il-fiduċja tissarraf u dan il-Kumitat Reġjonali jingħata l-importanza li tixraqlu.

Is-segretarju ġibed l-attenzjoni illi skont ir-Regolamenti tal-Kumitati Reġjonali, fl-ewwel laqgħa għandu jinħatar Viċi President. Il-President inomina lis-Sur Joe Sultana bħala Viċi President, fejn ġie sekondat mis-Sur Joe Cordina. Kulħadd qabel ma din in-nomina. Is-Sur Joe Sultana aċċetta minnufih.

2. **Korrispondenza**

2.1 Mingħand Dun Manwel Cordina sabiex tingħata nformazzjoni dwar proġetti illi saru jew pjanati li jsiru dwar l-immigranti rregolari fil-lokalitajiet Għawdxin.

2.2 Ġiet milqugħa l-applikazzjoni għall-*life streaming* tal-laqgħat.

2.3 Mingħand Safari Camping Club Malta dwar talba għal sit ta' camping f'Għawdex

**3. Approvazzjoni ta' Pagamenti**

3.1 L-iskeda tal-pagamenti numru 24 illi tammonta għal €52,358.44 ġiet approvata.

**4. Sitwazzjoni u rapport ta' laqgħat dwar l-infurzar lokali**

4.1 Is-segretarju nforma illi f'dawn l-aħħar ġimgħat talab laqgħa mas-Segretarju Parlamentari Josè Herrera sabiex il-Kumitat Reġjonali jispjega l-isfidi finanzjarji illi l-Kumitat Reġjonali qed jiffaċċja sabiex titmexxa is-sistema tal-infurzar Lokali. Fosthom is-Segretarju spjega kif minn meta daħlet fis-seħħ ir-riforma u ġew iffirmati l-kuntratti ġodda, is-sistema tal-infurzar lokali ġiet tiswa madwar €100,000.00 aktar fis-sena. Is-segretarju preżenta wkoll statistika fuq il-kontravenzjonijiet kollha li ħarġu fl-2012. Kif spjegati hawn taħt:

**Banca Giuratale, Pjazza Indipendenza, Rabat – Għawdex VCT 1020**
**TEL: 21561653 FAX: 21563355**

Contraventions (2012)
Number of contraventions issued in Gozo in 2012 - 13,107
Percentage of total contraventions issued issued in Gozo over the total amount of contraventions issued in Malta and Gozo - 4.6 %
Contraventions issued to Gozo residents - 8559
Contraventions issued to Maltese residents - 2831
Contraventions issued to K and Z plates - 1717

Il-membri huma mistednin jattendu għal din il-laqgħa.

**5. Devoluzzjoni tal-*street lighting* lir-Reġjun t' Għawdex**

5.1 Is-segretarju ressaq lil membri preżenti rapport dwar id-*draft contract* illi qed isir sabiex l-street lighting jiġi devolut lil Kumitat Reġjonali. Hu semma li s'issa għad m'hemmx ċifra finanzjarja msemmija f'din id-*draft* li trid isservi sabiex issir il-manutenzjoni tad-devoluzzjoni. Dan ir-rapport ġie diskuss fil-laqgħa u issa l-materji msemmija fir-rapport ser jitqajjmu waqt il-laqgħa li għandha ssir ma rappreżentanti tal-Ministeru tal-Enerġija illi qed jikkordinaw dan il-proġett.

**6. *Policies* Reġjonali**

6.1 Il-President talab illi wasal iż-żmien illi jibdew jaħdmu fuq *policies* Reġjonali għal Għawdex bil-għan li wara li dawn jiġu ffurmati u wara preżenati lis-soċjetà u l-Gvern Ċentrali għal diskussjoni. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

**7. Proposta għal tisħiħ fir-relazzjonijiet bejn Kunsilli Lokali ġewwa Għawdex u dawk ġewwa l-Emiglia Romagna.**

7.1 Il-President għamel proposta sabiex il-Kunsilli Lokali f'Għawdex isaħħu jew jibdew relazzjonijiet ma' *Comuni* ġewwa l-Emiglia Romagna. Dan jista' jsir permezz ta' ġemelaġġi jew proġetti oħra. Huwa stqarr illi l-Kunsill lokali tal-Belt Victoria li tagħha huwa Sindku diġa għadda minn esperjenzi pożittivi ta' proġetti ma dan ir-Reġjun. Għalhekk issa jixtieq illi aktar Kunsilli Lokali Għawdxin ikunu jistgħu jibbenefikaw.Ġie propost illi ssir viżita ġewwa l-Emiglia Romagna fejn ser tiġi mistiedna wkoll il-Kamra tal-Kummerċ bir-rappreżentanti tagħha. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

**8. Dettalji dwar Jum Għawdex u Seminar organizzat fl-okażżjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.**

8.1 Dwar Jum Għawdex is-Segretarju nforma illi waqt it-tlugħ tal-polza sabiex tintagħżel banda illi tieħu sehem, kien hemm preżenti l-Viċi President Joe Sultana u l-membru Salvu Borg. Il-baned telgħu b'din is-sekwenza;

1. Banda La Stella
2. Banda Victory
3. Banda Ite ad Joseph

Il-baned La Stella u Victory m'aċċettawx l-offerta għas-servizz waqt illi l-Banda Ite ad Joseph aċċettat. Huwa nforma wkoll illi l-pontifikal illi ser isir ġewwa l-Katidral t'Għawdex nhar it-28 t'Ottubru fis-6:00pm ser jitmexxa minn Mons. Isqof Mario Grech. Wara kellha ssir ċerimonja qasira fejn il-monument tal-Arċipriet Saver Cassar u sussegwentement bibita ġewwa l-*Banca Giuratale.*

8.2 Is-segretarju nforma lill-membri tal-Kumitat illi fuq stedina tas-Segretarjat Parlamentali tal-Kultura u Gvern Lokali ser jiġi organizzat seminar fl-okażżjoni tal-20

anniversarju minn meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali. Is-segretarju preżenta żewġ kwotazzjonijiet illi nġabru. Il-membri qablu illi peress li l-ispejjeż kellhu jħallas għalihom is-Segretarjat Parlamentari dawn ghandhom jgħaddu għand is-Segretarjat Parlamentari sabiex jiddeċiedu minn hemm.

**9. Materji oħra**

9.1 Il-membru Joe Cordina qajjem il-punt illi l-*Local Action Group* illi tiegħu huwa membru, qed jitlob illi l-benefiċċjarji tiegħu, fosthom il-kunsilli lokali iħallsu *membership fee* fis-sena. Wara diskussjoni qasira ġie propost u maqbul bejn il-membri preżenti illi tingħata allokazzjoni ta' €100 għal kull kunsillier.

9.2 Peress illi ma kienx hemm aktar punti x'jiġu diskussi il-laqgħa spiċċat fis-6:30 pm

_______________

Dr Samuel Azzopardi
President

_______________

Ian Paul Bajada
Segretarju Eżekuttiv